# Juan Bautista Azopardo
## (1772-1848)
# Eroj Navali




Vincent Zammit



L-istorja ta' pajjiżna hija mimlija b'karattri li jkunu għamlu isem għal pajjiżhom, iżda mhux dejjem ikunu daqshekk magħrufa minn kulħadd. Wieħed minn dawn l-eroj kien is-Senglean Juan Bautista Azopardo[1]. Mhux il-każ li ħadd ma kiteb dwar dan l-eroj navali, iżda din is-sena hija l-170 anniversarju mill-mewt tiegħu, u jkun xieraq li wieħed jerġa' jfakkar parti mill-istorja ta' dan il-personaġġ Senglean.

Imwieled fl-Isla fl-1772, ingħata l-ismijiet ta' Giovanni Battista. Wieħed jifhem kemm dan l-isem kien popolari f'dak iż-żmien, meta Malta kienet għadha taħt il-ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-ġenituri tiegħu kienu Salvatore Giuseppe Azopardo u Rosa Romano. L-għada li twieled kien ġie mgħammed fil-Parroċċa tal-Isla mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Salvatore Bonnici.

L-Isla kienet minn dejjem marbuta ma' ħafna nies li ħidmiethom kienet marbuta mal-baħar. Ma jistax jonqos li kien hemm numru mdaqqas ta' Sengleani li kienu jaħdmu fuq il-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann. Min kien jaħdem bħala baħri, jew inkella f'taqsimiet oħra tal-istess organizzazzjoni navali tal-Ordni. Matul il-Port tal-Galeri kien hemm diversi taqsimiet fejn wieħed kien jinnota xogħol marittimu għaddej, matul is-sena kollha. Għalhekk, is-Sengleani kien se jkollhom l-opportunità li jaħdmu fil-viċin, u fl-istess ħin f'xogħol li huma kienu esperti fih. Madwar il-kosta tal-Isla kien hemm xogħol għaddej ġmielu. Filwaqt li aktar 'il ġewwa fil-Port tal-Galeri kien hemm l-imħażen tal-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann, fid-daħla tal-Franċiżi (dik li tiġi bejn l-Isla u l-Għolja ta' Kordin) kien hemm it-tarznari Maltin, fejn diversi bastimenti ta' kull tip u daqs kienu jinbnew (Muscat & Cuschieri, 2002). Uħud mill-istess imgħallmin kienu Sengleani wkoll (Abela, 2007) (Quintano, 2003).

Minħabba li missier Giovanni Battista kien negozjant, u jidher li kellu diversi bastimenti tiegħu għal kummerċ, it-tifel mill-ewwel beda jinteressa ruħu f'dak li kellu x'jaqsam mal-marittimu. Jidher ukoll li l-familja kellha konnessjonijiet tajba mal-Ordni ta' San Ġwann, minħabba li kien fuq il-qbil mill-Gran Mastru de Rohan, li Giovanni Battista mar Toulon, fi Franza, ħalli jkun jista' jistudja l-arkitettura navali għal sitt snin. Iżda, minħabba li missier Giovanni Battista kellu sentimenti Repubblikani, il-familja telqet minn Malta u marret toqgħod fi Franza. Minn dak il-ħin 'il quddiem il-ħajja ta' Giovanni Battista nbidlet. Wieħed irid jifhem ukoll it-taqlib politiku u soċjali li kien qed iseħħ madwaru



minħabba r-Revoluzzjoni Franċiża. Biss, hija ferm interessanti li wara li Giovanni Battista kien ħadem fuq il-flotta Franċiża, ftit wara spiċċa jaħdem mal-flotta Ingliża.

Hawnhekk se nagħti ħjiel qasir tad-diversi dati, ħidmiet, u avventuri li kellu dan Giovanni Battista Azopardo:

- 1796 jidher li kien qed joffri s-servizzi tiegħu lill-flotta Ingliża, li dak iż-żmien kienet taħt il-kmand tal-Viċi Ammirall Jervis.
- 1803 Azopardo jidher li mar lejn Buenos Aires għall-ewwel darba.
- 1806 kien ingħata l-inkarigu ta' Viċi Kmandant ta' Korvetta mill-awtoritajiet Spanjoli. Azopardo kien qed jopera mill-Port ta' Montevideo.
- 1806 meta l-flotta Ingliża attakkat Buenos Aires, Azopardo kien mogħti l-inkarigu ta' numru ta' bastimenti biex jiddefendi l-kosta kontra l-flotta Ingliża.
- 1807 Juan Bautista kien ingħata l-kmand tal-batteriji tal-kosta u jidher li minħabba l-manuvrar tiegħu biex jiddefendi l-belt kontra l-qawwiet Ingliżi, dawn tal-aħħar ċedew. Aktar tard huwa kien ġie promoss għal logutenent-kurunell.
- 1809 waqt irvellijiet li nqalgħu f'Buenos Aires kontra l-awtoritajiet Spanjoli, minħabba li Juan Bautista kien qed jagħti s-sapport tiegħu lill-Viċire Liniers, tilef il-grad tiegħu li kienet ingħatatlu ftit qabel.
- 1810 Azopardo għaqqad grupp ta' nies oħra li riedu l-indipendenza minn ma' Spanja. Kien f'din is-sena li huwa ngħata l-inkarigu tal-ewwel flotta navali Arġentina. Fil-ġlied li kellu, rebaħ kontra l-qawwiet Spanjoli.
- 1811 il-flotta żgħira ta' Azopardo sfat megħluba minn dik Spanjola, u Juan Bautista spiċċa priġunier. Intbagħat lejn Cueta u Cadiz, u dam priġunier sal-1815. Hekk kif ingħata l-ħelsien mill-ħabs, huwa rritorna lura lejn l-Arġentina.
- 1821-1826 Juan Bautista kompla jingħata aktar karigi u promozzjonijiet fi ħdan il-flotta tal-Arġentina.
- 1827 Juan Bautista rtira. Hu miet fis-sena 1848, iżda l-fama tiegħu baqgħet magħrufa u mxerrda sew.
- Il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfuna f'monument li twaqqaf fil-Belt ta' San Nicolas.

**Referenzi:**

Abela, J. (2007). *The Maltese Merchant Fleet of the 19th Century* (1st ed.). St Paul's Bay: Malta Sacred Island.

Muscat, J., & Cuschieri, A. (2002). *Naval Activities of the Knights of ST John 1530-1798* (1st ed.). Sta Venera: Midsea Books Ltd.

Quintano, A. (2003). *The Maltese-Hospitaller SailingShip Squadron 1701-1798*. San Gwann: PEG Ltd.

Wettinger, G. (1968 - Vol 5). The Distribution of surnames in Malta in 1419 and the 1480s. *Journal of Maltese Studies*.

Wettinger, G. (1979). The Militia Roster of Watch Duties of 1417. *Armed Forces of Malta*(32).

[1] Il-kunjom Azopardo jidher li kien jintuża u kien mifrux fil-passat. Insibu diversi referenzi għal dan il-mod ta' kitba tal-kunjom, li llum aħna aktar nafuh bħala Azzopardi. Fil-lista tad-dejma hemm il-kunjom ***Azupardu*** (Wettinger, The Militia Roster of Watch Duties of 1417, 1979), kif ukoll miktub f'diversi modi oħra (Wettinger, 1968 - Vol 5).

